MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-23 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 1916/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C3143)**

**vs**

**Jamie Cauchi**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Ottubru, 2004 fejn intalab illi l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmien mija u tmienja u sittin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm868.75) rapprezentanti danni li thallsu mis-socjeta` attrici indebitament fil-25 ta' Lulju, 2001, in segwitu ta' incident awtomobilistiku li sehh fl-1 ta' Gunju, 2001, fil-Madliena, limiti tal-Gharghur, u li fih kienet involuta l-vettura bin-numru EAG-162 misjuqa mill-konvenut, stante illi jirrizulta li fil-hin ta' l-istess incident, u cioe` fil-11.30am, il-**

**konvenut ma kellux polza ta' l-assikurazzjoni valida mahruga mis-socjeta` attrici, liema polza giet imhallsa fl-1 ta' Gunju, 2001, fis-12.56pm, u cioe` wara li sehh l-incident imsemmi;**
**Interpellat sabiex ihallas permezz ta' ittra ufficjali datata 4 ta' Marzu, 2003, il-konvenut baqa' nadempjenti;**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali tal-4 ta' Marzu 2003 u bl-imghax pagabbli mill-25 ta' Lulju, 2001, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-12 ta' Novembru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u lanqas ma pprezenta risposta u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala pruvati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u tmienja u sittin lira Maltija u hamsa u sebghin centezmu (Lm868.75) bl-imghaxijiet legali mill-25 ta' Lulju, 2001 sal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta' ittra ufficjali tal-4 ta' Marzu 2003, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------